32001D0298

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Marzu 2001

li temenda l-Annessi tad-Direttivi tal-Kunsill 64/432/KEE, 90/426/KEE, 91/68/KEE u 92/65/KEE u tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/273/KE rigward il-protezzjoni ta' l-annimali matul it-trasport

(innotifikata taħt dokument numru Ċ(2001) 965)

(Test b'rilevanza għall-FEE)

(2001/298/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/628/KEE tad-19 ta' Novembru 1991 dwar il-protezzjoni ta' l-annimali matul it-trasport u li temenda d-Direttivi 90/425/KEE u 91/496/KEE [1] kif emendati l-aħħar mid-Direttiva 95/29/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 6 (2) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 rigward li jiġu stabbiliti l-ħtiġiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, bajd u embrijoni li ma jkunux suġġetti għall-ħtiġiet tas-saħħa ta' l-annimali stabbiliti fir-regoli Komunitarji speċifiċi msemmija fl-Anness A(I) mad-Direttiva 90/425/KEE [3], kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/176/KE [4] u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3)(a)(vii) tagħha,

Billi:

(1) Kif meħtieġ mill-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 91/628/KEE, il-Kummissjoni adottat fis-6 ta' Diċembru 2000 rapport [5] dwar l-esperjenza akkwistata mill-Istati Membri minn mindu ġiet implimentata d-Direttiva tal-Kunsill 95/29/KE tad-29 ta' Ġunju 1995 li temenda d-Direttiva 91/628/KEE rigward il-protezzjoni ta' l-annimali matul it-trasport.

(2) Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet ta' dan ir-rapport, u b'mod partikolari sabiex tingħibed l-attenzjoni tal-veterinarji responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni tar-responsabbiltajiet tagħhom rigward il-protezzjoni ta' l-annimali matul it-trasport, huwa neċessarju li ċ-ċertifikati tas-saħħa previsti għal dawn l-annimali jiġu supplimentati.

(3) Id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa ta' l-annimali li jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunitarju fl-annimali tal-fart u tal-majjali [6], kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/504/KE [7], id-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi li ma jkunux membri ta' l-*equidae* [8], kif emendata l-aħħar mill-Att ta' l-Adeżjoni [9], id-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta'l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju f'annimali ovini u kaprini [10], kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/953/KE [11], id-Direttiva 92/65/KEE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/273/KE tat-18 ta' April 1994 rigward iċ-ċertifikazzjoni veterinarja għat-tqegħid fis-suq fir-Renju Unit u l-Irlanda ta' klieb u qtates li ma jkunux joriġinaw minn dawk il-pajjiżi [12], għandhom għalhekk jiġu emendati kif xieraq.

(4) Id-dikjarazzjoni addizzjonali introdotta fid-Deċiżjoni preżenti ma teżentax lit-trasportaturi mill-obbligazzjonijiet tagħhom skond id-disposizzjonijiet tal-Komunità fis-seħħ b'mod partikolari rigward jekk l-annimali jkunux f'qagħda tajba biex jiġu ttrasportati.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Annessi mad-Direttivi 64/432/KEE, 90/426/KEE u 91/68/KEE qed jiġu emendati kif spjegat fl-Anness I ma' din id-Deċiżjoni.

2. L-Anness E mad-Direttiva 92/65/KEE qed jinbidel kif spjegat fl-Anness II ma' din id-Direttiva.

3. L-Anness mad-Deċiżjoni 94/273/KEE qed jinbidel kif spjegat fl-Anness II ma' din id-Direttiva.

---

[1] ĠU L 340, tal-11.12.1991, p. 17.
[2] ĠU L 148, tat-30.6.1995, p. 52.
[3] ĠU L 268, ta' l-14.9.1992, p. 54.
[4] ĠU L 117, ta' l-24.5.1995, p. 23.
[5] COM(2000) 809.
[6] ĠU L 121, tad-29.7.1964, p. 1977/64.
[7] ĠU L 201, tad-9.8.2000, p. 6.
[8] ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 42.
[9] L-Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Renju tan-Norveġja, tar-Repubblika ta' l-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju ta' l-Isvezja u l-aġġustamenti tat-Trattati li fuqhom l-Unjoni Ewropea hija mibnija, l-Anness I - Il-lista msemmija fl-Artikolu 29 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni - V. L-Agrikoltura - E. Il-Leġislazzjoni veterinarja u żooteknika (ĠU Ċ 241, tad-29.8.1994, p. 132).
[10] ĠU L 46, tad-19.2.1991, p. 19.
[11] ĠU L 371, tal-31.12.1994, p. 14.
[12] ĠU L 117, tas-7.5.1994, p. 37.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd għall-annimali ċċertifikati mill-31 ta' Lulju 2001.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni qed tiġi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, it-30 ta' Marzu 2001.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

1. Id-Direttiva 64/432/KEE qed tiġi emendata kif ġej:

L-Anness F qed jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-taqsima Ċ taċ-ċertifikat mudell 1, il-paragrafu li ġej qed jiżdied mal-lista nnumerata tal-ħtiġiet li għandhom jiġu ċċertifikati:

"6. waqt l-ispezzjoni l-annimali hawn fuq imsemmija nstabu tajba biex jiġu ttrasportati fil-vjaġġ maħsub skond id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 91/628/KEE ([12]).

([12]) Din id-dikjarazzjoni ma teżentax lit-trasportaturi mill-obbligazzjonijiet tagħhom skond id-disposizzjonijiet tal-Komunità fis-seħħ b'mod partikolari rigward is-saħħa ta' l-annimali li għandhom jiġu ttrasportati."

F'każijiet fejn id-disposizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2000/504/KE ([1]) jiġu applikati, il-paragrafu għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala paragrafu 7;

(a) fit-taqsima Ċ taċ-ċertifikat mudell 2, il-paragrafu li ġej qed jiżdied mal-lista nnumerata tal-ħtiġiet li għandhom jiġu ċċertifikati:

"6. waqt l-ispezzjoni l-annimali hawn fuq imsemmija nstabu tajba biex jiġu ttrasportati fil-vjaġġ maħsub skond id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 91/628/KEE ([8]).

([8]) Din id-dikjarazzjoni ma teżentax lit-trasportaturi mill-obbligazzjonijiet tagħhom skond id-disposizzjonijiet tal-Komunità fis-seħħ b'mod partikolari rigward is-saħħa ta' l- annimali li għandhom jiġu ttrasportati."

2. Id-Direttiva 90/426/KEE qed tiġi emendata kif ġej:

(a) fl-Anness B, il-paragrafu li ġej qiegħed jiżdied ma' l-attestat:

"(f) waqt l-ispezzjoni nstab tajjeb biex jiġi ttrasportat fil-vjaġġ maħsub skond id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 91/628/KEE ([e]).

([e]) Din id-dikjarazzjoni ma teżentax lit-trasportaturi mill-obbligazzjonijiet tagħhom skond id-disposizzjonijiet tal-Komunità fis-seħħ b'mod partikolari rigward is-saħħa ta' l-annimali li jridu jiġu ttrasportati."

(b) fl-Anness Ċ f'taqsima IV taċ-ċertifikat mudell il-paragrafu li ġej qed jiġi miżjud:

"6. waqt l-ispezzjoni huwa/huma kien/kienu tajjeb/tajba biex jiġi/jiġu ttrasportat(I) fil-vjaġġ maħsub bi qbil mad-disposizzjonijiet ta' Direttiva 91/628/KEE ([d]).

([d]) Din id-dikjarazzjoni ma teżentax lit-trasportaturi mill-obbligazzjonijiet tagħhom skond id-disposizzjonijiet tal-Komunità fis-seħħ b'mod partikolari rigward is-saħħa ta' l-annimali li għandhom jiġu ttrasportati."

3. Id-Direttiva 91/68/KEE qed tiġi emendata kif ġej:

L-Anness E qed jiġi emendat kif ġej:

Dan li ġej qed jiżdied bħala:

— l-punt (G) tat-taqsima V taċ-ċertifikat mudell I,

— il-punt (H) tat-taqsima V taċ-ċertifikat mudell II,

— il-punt (K) tat-taqsima V taċ-ċertifikat mudell III,

" waqt l-ispezzjoni nstabu tajba biex jiġu ttrasportati fil-vjaġġ maħsub skond id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 91/628/KEE ([5]).

([5]) Din id-dikjarazzjoni ma teżentax lit-trasportaturi mill-obbligazzjonijiet tagħhom skond id-disposizzjonijiet tal-Komunità fis-seħħ b'mod partikolari rigward is-saħħa ta' l-annimali li għandhom jiġu ttrasportati."

([1]) ĠU L 201, 9.8.2000, p. 6.

ANNESS II

L-Anness E għad-Direttiva 92/65/KEE qed jinbidel kif ġej:

ANNESS E

ĊERTIFIKAT

1. Il-konsenjatur (l-isem u l-indirizz shih)	**IĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SA~~H~~HA** Nru L-oriġinal [a]
	2. L-Istat Membru ta' l-oriġini
3. Il-konsenjatur (l-isem u l-indirizz shih)	4. L-AWTORITÀ KOMPETENTI
	5. L-indirizz — ta' l-azjenda ta' l-oriġini jew tal-korp approvat uffiċjalment, l-istitut jew iċ-ċentru ta' l-oriġini [b] ta' l-azjenda jew tan-negozjant iddestinat — ta' l-azjenda jew in-negozjant tad-destinazzjoni jew ta' korp approvat uffiċjalment, istitut jew ċentru ta' destinazzjoni [b]
6. Il-post tat-tagħbija	
7. Il-mezz ta' trasport	
8. L-ispeċje:	
9. L-għadd ta' l-annimali/id-doqqajs tan-naħal jew l-irġejjen (bl-attendenti) [b]	
10. L-identifikazzjoni tal- grupp	
11. L-ATTESTAT [c] Jiena, hawn taħt ffirmat, niċċertifika li waqt l-ispezzjoni l-annimali hawn fuq imsemmija kienu tajba biex jiġu ttrasportati fil-vjaġġ maħsub skond id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 91/628/KEE [d] [e]. Magħmul fi ..... , fil- ..... Il-firma: L-isem b'ittri kbar: It-titolu u l-pożizzjoni:	

[a] Ċertifikat separat għandu jiġi pprovdut għal kull konsenja u l-oriġinal għandu jakkompanja l-konsenja sad-destinazzjoni oriġinali; il-perjodu tal-validità tiegħu għandu jkun ta' 10 jiem.

[b] Ikkanċella skond il-każ.

[c] Imla skond l-Artikoli 5 sa 11 tad-Direttiva 92/65/KEE fl-24 siegħa qabel ma l-annimali jitgħabbew.

[d] Din id-dikjarazzjoni għandha tgħodd għall-ispeċje li ġejjin: ix-xadini (simiae u prosimiae), l-annimali bid-dwiefer ta' speċje oħra għajr dawk imsemmija fid-Direttivi 64/432/KEE, 90/426/KEE u 91/68/KEE, lagomorphs, klieb u qtates.

[e] Din id-dikjarazzjoni ma teżentax lit-trasportaturi mill-obbligazzjonijiet tagħhom skond id-disposizzjonijiet tal-Komunità fis-seħħ b'mod partikolari rigward is-saħħa ta' l-annimali li għandhom jiġu ttrasportati.

ANNESS III

L-Anness għad-Direttiva 94/276/KE qed jinbidel kif ġej:"*ANNESS*

IL-MUDELL

IĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA (1)

għat-tqegħid fis-suq fir-Renju Unit u l-Irlanda ta' klieb u qtates li ma jkunux joriġinaw f'dawk il-pajjiżi

Il-KLIEB/IL-QTATES (2) (3)

L-Istat Membru konsenjatur:

I. **L-għadd ta' equidae:**

II. **L-identifikazzjoni ta' l-equidae:**

Numru ta' annimali	L-ipeċje/ir-razza	L-età jew id jew data tat-twelid	Is-sess	Il-lewn	It-tip u markar ta' kowt	In-numru encoded f' implanted transponder

III. **L-oriġini ta' l-annimali**

L-indirizz ta' l-azjenda rreġistrata .....

.....

IV. **Id-destinazzjoni ta' l-annimali**

L-annimali se jintbaghtu

Minn: .....

(il-post)

sa: .....

(il-post tad-destinazzjoni)

permezz tal- (4) ferrovija, tat-triq, tad-dgħajjes/tal-bastiment (2): .....

L-isem u l-indirizz tad-destinatarju: .....

.....

L-isem u l-indirizz tad-destinatarju: .....

.....

(1) Iċ-ċertifikati tas-saħħa jistgħu jsiru biss għall-annimali li ghandhom jiġu ttrasportati bl-istess mezz ta' trasport u li jkunu ġejjin mill-istess azjenda u li jkunu qed jintbaghtu lill-istess destinatarju.

(2) Ikkanċella fejn ma japplikax.

(3) Iċ-ċertifikat huwa validu għal speċje waħda biss kull darba.

(4) Aghti n-numru tar-reġistrazzjoni fil-każ ta' vetturi tal-ġarr, trakkijiet, vannijiet jew karozzi, in-numru tat-titjira fil-każ ta' ajruplan, l-isem fil-każ ta' dgħajsa/bastiment, u fil-każ ta' vjaġġ bil-ferrovija, id-data u l-hin meta din mistennija tasal.

V. **Informazzjoni dwar is-saħħa**

Jiena, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-annimali deskritti hawn fuq jikkonformaw mal-ħtiġiet li ġejjin:

a) dawn ġew eżaminati illum u ma juru l-ebda sinjal kliniku ta' mard:

b) dawn ġew imlaqqma kontra r-rabbja għal mill-inqas sitt xhur u, barra minn hekk, fil-każ tal-klieb, kontra l-canine distemper;

c) dawn għaddew, matul l-ewwel u t-tielet xahar wara l-ewwel vaċċinazzjoni jew vaċċinazzjoni mill-ġdid kontra r-rabbja, minn test seroloġiku li juri titru ta' antikorp protettiv ta' mill-anqas 0,5 ta' unità internazzjonali. Dan it-test seroloġiku sar skond l-ispeċifiċi ta' l-Organizzazzjoni Dinjija ta' Saħħa;

d) is-sid jew il-persuna responsabbli għall-azjenda rreġistrata ħallieli dikjarazzjoni ffirmata fis-sens li: l-annimal/i [2] kien/kienu [2] twieled/twieldu fl-azjenda rreġistrata u baqa'/baqgħu hemm mit-twelid, bl-ebda kuntatt ma' xi annimali selvaġġi suxxettibbli għar-rabbja';

e) fil-ħin ta' l-ispezzjoni kienu tajba biex jiġu ttrasportati fil-vjaġġ maħsub skond id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 91/628/KEE [5]."

VI. **Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal għaxart ijiem mid-data ta' l-eżami.**

Maghmul fi ....., fil- .....
(id-data tal-eżami)

It-timbru

.....
(Il-firma ta' l-uffiċjal veterinarju jew tal-veterinarju responsabbli għall-azjenda ta' l-oriġini u li jkollu l-poter għal dan l-għan mill-awtorità kompetenti)

[5] Aghti n-numru tar-reġistrazzjoni fil-każ ta' vetturi tal-ġarr, trakkijiet, vannijiet jew karozzi, in-numru tat-titjira fil-każ ta' ajruplan, l-isem fil-każ ta' dghajsa/bastiment, u fil-każ ta' vjaġġ bil-ferrovija, id-data u l-hin meta din mistennija tasal.